

Brussell, 13 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9898/22

ENER 282

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Sitwazzjoni tal-enerġija fl-UE fil-kuntest tal-gwerra fl-Ukrajna - Skambju ta' fehmiet

Nota ta' spjegazzjoni – Kunsill TTE (Enerġija) tas-27 ta' Ġunju 2022

Sa mill-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, ġew proposti diversi strumenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni Ewropea, bħall-pjattaforma tax-xiri komuni tal-gass jew ir-Regolament dwar il-ħżin tal-gass. Dawn flimkien mal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u solidarjetà diġà fis-seħħ, b'mod partikolari fil-kuntest tar-Regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Gass u l-Kummissjoni wettqu analiżi inizjali tar-riskji u tal-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri u fil-livell Ewropew, kemm biex jiżguraw provvisti alternattivi kif ukoll biex inaqqsu d-domanda.

Il-Kunsilli TTE (Enerġija) tat-28 ta' Frar u tat-2 ta' Mejju ppermettew skambji ta' fehmiet dwar l-istat tal-provvista u l-livell ta' tħejjija tal-UE. Fit-18 ta' Mejju, il-Kummissjoni ppreżentat il-pjan REPowerEU biex l-Ewropa ssir indipendenti mill-fjuwils fossili Russi ferm qabel l-2030 fil-kuntest tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna, permezz ta' azzjoni Ewropea konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sigura u sostenibbli. Il-Kunsill Ewropew tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022 indika li fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea, għandhom jittejbu t-tħejjija għal interruzzjonijiet kbar possibbli fil-provvista u r-reżiljenza tas-suq tal-gass tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' qbil rapidu dwar ftehimiet bilaterali ta' solidarjetà u pjan ta' emerġenza Ewropew ikkoordinat, li għandu jtaffi l-effetti ta' interruzzjonijiet kbar fil-provvista. Dan il-pjan, b'kont meħud tar-Regolament tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Provvista u tal-azzjonijiet koordinati ġodda li diġà tteħdu fuq il-provvisti alternattivi u l-ħżin, jista' fost l-oħrajn, jikkoordina it-tnaqqis fid-domanda biex tiġi prevenuta kriżi tal-provvista u/jew jikkoordina it-tnaqqis fid-domanda matul kriżi tal-provvista.

Dan id-dibattitu ministerjali ser jippermetti li jittieħed kont ta' azzjonijiet addizzjonali possibbli fil-kuntest tat-tħejjija fis-settur tal-gass naturali, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-istaġun tat-tiħin li jmiss.

Il-Ministri ser jiġu mistiedna jesprimu l-fehma tagħhom dwar żewġ mistoqsijiet b'mod partikolari:

- 1- X'taħsbu dwar is-sitwazzjoni speċifika attwali tagħkom u dik tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-aħħar żviluppi fis-settur tal-gass naturali?
- 2- X'azzjonijiet addizzjonali jkunu utli biex jissaħħaħ il-livell ta' tħejjija tal-UE f'dan is-settur, inkluż dawk li għandhom jiffurmaw parti mill-pjan ta' emerġenza Ewropew ikkoordinat fir-rigward tad-domanda qabel u matul kriżi tal-provvista, bil-ħsieb tal-istaġun tat-tiħin li jmiss?